MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2011

Numru. 985/2006

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT NORBERT CIAPPARA**

**KONTRA**

**KENRICK CAMILLERI ta' 26 sena, iben Anthony u Maria Concetta nee' Vella, imwieled Tal-Pieta' nhar it-13.04.1985, residenti fil-fond 245, Liedna Street, Fgura, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 250885M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Kenrick Camilleri** li gie akkuzat talli:

a. F'dawn il-Gzejjer, bejn is-17 ta' Settembru, u 19 ta' Settembru, 2004, kif ukol matul ix-xahrejn ta' qabel din id-

data, ittraffika, biegh, qassam, jew offra li jittraffika, ibiegh, jew iqassam medicine psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjoni tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1982 kif emendati.

b. U aktar talli f l-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1982 kif emendati.

c. U aktar talli nhar it-22 ta' Settembru, 2004 u fit-tlitt xhur ta' qabel din id-data, biegh jew xort'ohra ittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza.

d. U aktar talli nhar it-22 ta' Settembru, 2004 u fis-sitt xhur ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta

Semghet ix-xhieda prodotta, senjalament kif tramite l-Ispettur Norbert Ciappara dak iz-zmien, li fil-kors ta' l-investigazzjoni kontra l-abbuz ta' droga, waqqaf lil certu Renald Attard. Mill-kontenut tal-mobile li l-istess Attard, irrizulta lill-istess Spettur li Attard seta' kien involut fid-droga. Ghalhekk l-istess Spettur, tramite c-cellulari ta' Attard, baghat messagg lill-imputat, u meta l-imputat ircieva l-istess messagg, gie mwaqqaf minn pulizija formanti parti mill-Iskwadra ta' kontra d-Droga. Dawn kienu PC 10 Trevor Cassar Mallia, PC 1220 Chris Baldacchino, PS 114 Massimo Persiano. Minn fuq il-persuna ta' l-imputat hekk imwaqqaf, instabu pakketti tas-

sigaretti li fihom kellhom bicciet kannella suspettati raza tal-cannabis.

Mir-rapport ta’ l-espert Godwin Sammut jirrizulta li s-sustanza misjuba fuq l-imputat kienet Tetrahydrocannabinol, sustanza li tigi mill-cannabis, li kellha l-piz ta’ 18.31 grammi, u kellha purita’ ta’ 17%.

Rat ir-rapport u varji noti li saru mill-Ufficju tal-Probation, li dejjem urew illi l-progress ta’ l-imputat kien dejjem wiehed pozittiv, anzi sahansitra wiehed lodevoli.

Rat ukoll illi l-Ispettur Norbert Ciappara, iddikkjara ghal diversi drabi li l-imputat kien u kellu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-noti prezentati, is-sentenza ezebita mid-Difiza, kif ukoll semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti m’ghandha ebda dubbju dwar il-htija ta’ l-imputat, dan wara li rat l-Artikoli 40a tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 120A(2)(b)(i) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 40a tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, u Avviz Legali 22/1982.

Dwar il-piena, rat is-sentenza ezebita fl-ismijiet Pulizija (Spt Maurice Curmi; Spt Antonello Grech) vs Dorothy Refalo (Magt Giovanni Grixti), datata 18.10.2002, qieset il-progress kbir illi ghamel l-imputat fil-mori ta’ din il-kawza, rat il-fedina penali tieghu li hija ghal kollox netta, rat ukoll l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, u kif ukoll l-Artikolu 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, rat ukoll il-fedina penali ta’ l-imputat.

Tikkundannah ghal piena ta’ sittin (60) gurnata habs effettiva, u multa ta’ €160 pagabbli f’rati mensili ta’ €80;

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ghal hlas ta' l-ispejjez peritali ghall-ammont ta' Lm87.50 ekwivalenti ghal €203.88;
Tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita nhar l-24.01.2007 mill-espert Godwin Sammut u mmarkata bhala KB28.2007, u l-konfiska tal-mobiles Nokia u Samsung ezebiti nhar l-24.01.2007 u mmarkati bhala KA31.2007

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------